# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 3 ta' Novembru 2015**

**Kawza Numru : 11**
**Rikors Guramentat Numru : 809/2015/LSO**

**Rosario Cortis (K.I. 932148M)**

**vs**

**Francis Azzopardi (K.I. 139859M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' l-istess Rosario Cortis datat 25 Awwissu 2015 a fol 1 tal-process fejn espona :-

Illi r-rikorrent huwa akkwista l-fond fl-indirizz 48, Triq l-Ghabex, Ghar Bettija, Limiti ta' Had-Dingli minghand l-intimat u dan kif jirrizulta mill-anness Dok RC1, senjatament cessjoni ta' konvenju mal-Awtorita' tad-Djar favur l-esponent, datata sittax ta' Jannar elfejn u tlettax (16/01/2013) liema fond huwa registrat mal-Awtorita' tad-Djar bl-ittri HOS mitejn u tlieta tas-sena elf disa’ mija u tmienja u tmenin (203/88).

L-intimat qed jokkupa l-istess fond minghajr ebda titolu validu fil-Ligi.

Illi l-intimat obbliga ruhu li jghaddi l-pussess battal lil mittenti f'diversi okkazzjonijiet izda baqa' inadempjenti.

Illi ghalkemm debitament interpellat biex jivvaka mill-istess art huwa baqa’ inadempjenti.

Illi l-intimat ma ghandux eccezzjonijiet x'jaghti ghat-talbiet tar-rikorrenti.

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigh tal-provi *ai termini* tal-Artikoli 167-170 tal-Kap 12;

2. Tiddikkjara li l-intimat qed jokkupa l-istess art fuq indikata minghajr titolu validu fil-Ligi;

3. Tikkundanna lill-intimat sabiex jizgombra u jivvaka mill-istess art fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti.

B'rizerva ghal kulll azzjoni ulterjuri kontra l-intimat.

Bl-ispejjez kontra l-intimat millum ingunt ghas-subizzjoni

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-3 ta' Novembru 2015.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-3 ta' Novembru 2015 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Stefan Zrinzo Azzopardi ghall-attur prezenti. Il-kawza giet posposta. Meta regghet issejhet il-kawza deher Dr Stefan Zrinzo Azzopardi ghall-attur prezenti. Deher il-konvenut Francis Azzopardi assistit minn Dr Victor Bugeja. Il-kawza regghet giet posposta. Meta regghet issejhet il-kawza dehru l-partijiet assistiti. Xehed bil-gurament tieghu Francis Azzopardi, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi permezz tar-rikors odjern ir-rikorrent talab li l-intimat jigi zgumbrat mill-fond hemm deskritt *stante* li qed jokkupah minghajr titlu. Ir-rikors gie intavolat fit-termini tal-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kap. Tnax tal-Ligijiet ta' Malta.

Din is-sentenza qed tinghata skont l-artikolu 170 (1) tal-istess Kap Tnax billi fil-fehma tal-Qorti, l-istess intimat ma ressaq prova imqar *prima facie* li ghandu eccezzjoni x'jissolleva kontra t-talbiet tal-attur. Difatti allega li c-cessjoni kienet karpita b'*causa illecita*, izda ma gabx l-icken prova biex isostni din l-allegazzjoni. Hu allega li kien kostrett li jiffirma kuntratt pubbliku ghac-cessjoni tad-drittijiet tieghu fuq il-fond in mertu fis-sena 2013 minhabba ftehim iehor ta' self mal-attur, liema ftehim kien karpit bl-uzura.

Ikkonsidrat li l-uzura hija allegazzjoni serjissima izda f'dawn il-proceduri, baqghet fl-isfera ta' mera allegazzjoni minghajr l-icken prova.

Illi inoltre, mix-xhieda tal-intimat, il-Qorti ma kenitx konvinta li ma kienx gja ivvaka l-fond ghaliex ammetta li kien qed jikri post iehor.

## III. KONKLUZJONI.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li semghet lill-konvenut li ammetta li ghandu residenza ohra, u billi l-kuntratt ta' cessjoni sar fit-2013 u l-konvenut ma istitwixxa l-ebda procedura minn dak iz-zmien biex jimpunja l-att, u billi l-konvenut ma gab ebda prova imqar *'prima facie'* ta' dak li qieghed jallega, il-Qorti tqis li ma rnexxielux jipprova li ghandu mqar fuq bazi *'prima facie'* li ghandu eccezzjonijiet x'jissolleva f'din l-istanza.

Ghaldaqstant **tilqa' t-talbiet** tar-rikorrent u tordna lill-intimat sabiex jizgombra mill-fond fi zmien ta' xahar millum.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri huma a karigu tal-intimat.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**03 ta' Novembru 2015**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**03 ta' Novembru 2015**